# DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-APPELL TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI DWAR IR-REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI TA' SPEJJEŻ REALTATI MAL-ĠBIR TA' EVIDENZA FI PROĊEDURI TA' APPELL

IL-BORD TAL-APPELL TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI (minn issa 'l quddiem 'il-Bord tal-Appell',

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2008 tal-1 ta' Awwissu 2008 li jistipula r-regoli ta' organizzazzjoni u proċedura tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi[1] (minn issa 'l quddiem ir-'Regoli ta' Proċedura'), u b'mod partikolari l-Artikoli 17 u 27(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv dwar regoli għall-kalkolu tal-ammonti u ħlasijiet bil-quddiem li għandhom jitħallsu fir-rigward tal-ġbir ta' evidenza fi proċeduri ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi,

Bi ftehim mal-Bord Amministrattiv, skont l-Artikolu 17(4) tar-Regoli ta' Proċedura,

Billi:

(1) L-Artikolu 17(1) u (2) tar-Regoli ta' Proċedura jistabbilixxu biss regoli ġenerali dwar l-ispejjeż relatati mal-ġbir ta' evidenza.

(2) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar min għandu jġarrab l-ispejjeż fir-rigward tal-ġbir ta' evidenza u dwar l-arranġamenti għal xi ħlasijiet jew rimborsi, kumpens u drittijiet lix-xhieda u lill-esperti.

(3) Ir-regoli dwar l-ispejjeż tal-ġbir ta' evidenza għandhom jikkontribwixxu għal tmexxija bla ntoppi, trasparenti u xierqa tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell.

(4) Regoli komparabbli dwar l-ispejjeż fir-rigward ta' ġbir ta' evidenza li jeżistu f'oqsma oħrajn tal-liġi tal-Komunità għandhom jiġu kkunsidrati fejn xieraq.

(5) Proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell huma proċeduri ex parte.

(6) Kull parti għall-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell għandha ġġarrab l-ispejjeż li tonfoq waqt il-proċeduri ta' appell. Il-Bord tal-Appell jista' madankollu, għal raġunijiet ta' ekwità, jiddeċiedi fuq għoti ta' spejjeż għall-ġbir ta' evidenza kif ipprovdut fl-Artikolu 21(1)(h) tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] ĠU L 206, 2.8.2008, p. 5.

(7) Kif ipprovdut fl-Artikolu 8(6) tar-Regoli ta' Proċedura, dawk li jintervjenu fi proċeduri ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell għandhom iġġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett u ambitu**

1. Din id-Deċiżjoni tistipula r-regoli dwar spejjeż fir-rigward ta' ġbir ta' evidenza fi proċeduri ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika biss għal spejjeż relatati mal-ġbir ta' evidenza. Kwalunkwe spiża oħra magħmula fir-rigward ta' proċeduri ta' appell għandha tiġġarrab mill-parti kkonċernata, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 dwar il-ħlasijiet u spejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)[2].

*Artikolu 2*

**Spejjeż fir-rigward ta' ġbir ta' evidenza**

1. Kull parti għall-proċeduri ta' appell għandha ġġarrab l-ispejjeż li tagħmel fir-rigward tal-ġbir tal-evidenza.

2. Fejn il-Bord tal-Appell, b'inizjattiva tiegħu stess, jikkunsidra li huwa meħtieġ li jiġbor ċerta evidenza, ir-responsabbilità finali għall-ammonti dovuti għall-ġbir ta' evidenza għandha tkun tal-Aġenzija.

3. F'każijiet eċċezzjonali u jekk ikun hemm applikazzjoni għalihom, il-Bord tal-Appell jista' jiddeċiedi li l-Aġenzija tħallas l-ispejjeż għall-ġbir ta' evidenza fejn ingħata prova li l-evidenza kienet meħtieġa u deċiżiva għar-riżultat tal-proċeduri u tali deċiżjoni hija fl-interess tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja.

4. Id-Deċiżjoni dwar rimbors meħuda skont il-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun konformi mad-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv dwar regoli għall-kalkolu tal-ammonti u ħlasijiet bil-quddiem li għandhom jitħallsu fir-rigward tal-ġbir ta' evidenza fi proċeduri ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-ECHA.

*Artikolu 3*

**Ħlasijiet lil xhieda u esperti msejħin mill-Bord tal-Appell**

1. Xhieda u esperti li jissejħu minn u li jidhru quddiem il-Bord tal-Appell fuq inizjattiva tiegħu stess għandhom ikunu intitulati għal rimbors ta' spejjeż raġjonevoli tal-ivvjaġġar. Ħlas bil-quddiem ta' dawn l-ispejjeż jista' jingħatalhom skont id-Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv dwar ir-regoli għall-kalkolu tal-ammonti u

[2] ĠU L 107, 17.4.2008, p. 6.

ħlasijiet bil-quddiem li għandhom jitħallsu fir-rigward ta' ġbir ta' evidenza fi proċeduri ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell tal-ECHA.

2. Il-kumpens għal telf fil-qligħ li hemm referenza għalih fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(1) tar-Regoli ta' Proċedura għandu jitħallas lil xhud biss jekk jintalab.

3. Ħlasijiet dovuti skont dan l-Artikolu, ħlief ħlasijiet bil-quddiem, għandhom isiru biss wara li tingħata evidenza mix-xhud jew wara li l-espert ikun qeda d-dmirijiet jew ix-xogħlijiet mitlubin.

*Artikolu 4*

**Regoli applikabbli oħrajn**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.[3]

***Artikolu 5***

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ il-ġurnata ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmula f'Ħelsinki, 18 ta' Diċembru 2009

| Mercedes ORTUÑO | Mia PAKARINEN | Henricus SPAAS |
|---|---|---|
| President tal-Bord tal-Appell | Membru tal-Bord tal-Appell | Membru tal-Bord tal-Appell |

[3] MB/58/2008 finali